MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1466/1995/1

**Mario Galea**

**v.**

**John Attard u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1998**
**gie kjamat in kawza Godwin Attard**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 1995 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ppremetta illi fit-28 ta'

Jannar 1995 waqt li l-karozza Hyundai nru O-0041 ta' l-istanti kienet tinsaq fir-Rabat mill-konvenut dan habat biha u b'hekk irreka danni lill-istanti; illi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut izda dan qed jinjora s-sejha ta' l-istanti ghall-hlas tad-danni. Dawn huma ta' erbat elef, mitejn u tliet liri, dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li, b'rizultat ta' l-istess sofra l-istanti;
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM4,203 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna l-istess konvenut ihallas l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi LM11.50 ta' konsulta u ittri, dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju nru 2056/95 CX u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni – kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez ukoll ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 1995.

B'nota pprezentata fit-22 ta' Jannar 1996 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-incident in kwistjoni u dan ma sehhx tort tieghu.
2. Illi jigi eccepit ukoll li fl-incident imsemmi l-attur ikkontribwixxa meta ta c-cwievet lil Godwin Attard li ma kellux licenzja u afda l-karozza numru 0-0041 f'idejh.

B'digriet tal-11 ta' Dicembru, 1998 gie msejjah fil-kawza Godwin Attard fuq talba ta' l-attur u dana, b'nota pprezentata fid-9 ta' Frar 1999, eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament tigi sollevata l-preskrizzjoni tas-sentejn stante li d-danni reklamati mill-attur gew kawzati fit-28 ta' Jannar 1995;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, l-attur huwa responsabbli ghal dak li sofra hu stess ghaliex ippermetta lill-esponent isuqlu l-karozza meta dan kien ghadu minorenni u bla licenzja tas-sewqan;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, immedjatament wara l-incident in kwistjoni l-eccipjent kien offra kumpens lill-attur.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-26 ta' Mejju, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamat in kawza, iddikjarat lill-istess kjamat in kawza, kif ukoll lill-istess attur ko-responsabbli ghall-incident li sehh fit-28 ta' Jannar 1995. Dan fis-sens tas-suesposti konsiderazzjonijiet u fil-mizura tad-danni fuq apporzjonatat. Illikwidat id-danni fl-ammont totali ta' tliet elef u tmien mitt lira (LM3,800); u konsegwentement ikkundannat lill-kjamat in kawza ihallas lill-attur in-nofs tas-somma imsemmija, u cioe` elf u disa' mitt lira Maltija (LM1,900), bl-imghax mid-data tan-notifika lilu tac-citazzjoni (28 ta' Jannar 1999). Fl-ahharnett helset lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju u ordnat li l-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jitbatew nofs bin-nofs bejn l-attur u l-kjamat in kawza u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Din hi azzjoni tendenti ghar-rizarciment ta' danni. Huwa ghalhekk bil-wisq logiku illi l-individwazzjoni tal-htija ghal dawn id-danni trid necessarjament tirrizulta mill-ezami u l-apprezzament tal-provi processwali. Naturalment din il-htija trid tigi ravvizata minn imgieba imputabbli, karatterizzata minn "*colpa*" jew "*dolo*";

"Premessa din il-preliminari, il-fatti saljenti li taw lok ghall-kawza jistghu jigu hekk rikapitulati:-

"(1) L-attur affida c-cwievet tal-karozza tieghu lil Godwin Attard, imsejjah fil-proceuri. Huwa jghid li ghamel dan biex l-imsemmi Godwin Attard ikun jista' joqghod fiha mat-tfajla tieghu u mhux biex isuqha;

“(2) Din il-verzjoni hi zmentita kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamat fil-kawza. Dan ta’ l-ahhar isostni, kemm fl-affidavit tieghu (fol. 25), kif ukoll meta xehed fis-seduta tas-6 ta’ Jannar 2004 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, illi l-attur, mal-konsenja tac-cwievet, tah struzzjonijiet precizi biex hu jipparkjalu l-karozza fil-*parking area* tas-Saqqajja billi din kienet sitwata fuq bankina, ftit il-fuq mid-diskoteka “Tattingers”;

“(3) Il-kjamat in kawza jikkonfessa illi hu saq il-karozza u mar mat-tfajla tieghu taht is-swar tar-Rabat, u aktar tard rega’ saqha biex jehodha hdejn is-Saqqajja. Kien f’dan il-mument li hu habat go hajt u ddanneggja l-vettura;

“(4) Dakinhar ta’ l-incident il-kjamat in kawza kellu sbatax-il (17) sena u ma kellux licenzja tas-sewqan. Il-konvenut jghid li hu kien wissa lill-attur biex ma jhallix ic-cwievet tal-vettura tieghu ma’ Godwin Attard, neputih. Ara Affidavit tieghu a fol. 24 u d-deposizzjoni li ta’ fis-seduta ta’ l-4 ta’ Mejju 2000 quddiem il-perit legali, aktar tard sostitwit bl-Assistant Gudizzjarju;

“(5) Jirrizulta bhala stat ta’ fatt mill-istess stqarrija tal-konvenut fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 1997 (fol. 36) illi lis-surgent li kien responsabbli mill-investigazzjoni kien iddikjaralu li kien qed isuq hu. Hu jammetti li ghamel dan “peress li Godwin Attard kien bla licenzja”. Sussegwentement ghal din il-konfessjoni ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fuq akkuza ta’ dikjarazzjoni falza. Kien konsegwenti ghal din l-istqarrija u konkluzjoni tal-proceduri penali li l-attur talab is-sejha fil-kawza ta’ Godwin Attard;

“(6) Dan ta’ l-ahhar jghid fid-dikjarazzjoni tieghu akkompanjanti l-eccezzjonijiet illi lill-attur kien infurmah bil-fatti kif kienu u sahansitra offrielu kumpens. L-attur imkien ma jghid jew jammetti li hu kien jaf b’dak li gara fir-rigward ta’ min saq il-vettura ghalkemm jaccetta li ghamel zmien jipprova jasal f’arrangament mal-kjamat fil-kawza. Ara xhieda tieghu fis-seduta ta’ l-24 ta’ Ottubru 2003;

"Stabbiliti s-suesposti fatti l-kwestjoni hawn involuta mhix nieqsa minn diffikultajiet ghar-rizoluzzjoni taghha. Dan qed jigi rilevat in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"I. Il-kjamat in kawza ssolleva b'difiza primarja l-estinzjoni ta' l-azzjoni fil-konfront tieghu bid-dekorriment taz-zmien ta' sentejn, ex-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. F'kaz li din id-difiza tigi accettata jinsorgi l-kwezit jekk allura l-konvenut, bil-fatt tad-dikjarazzjoni falza tieghu, gabx dannu lill-attur billi l-azzjoni tieghu diretta kontra l-awtur materjali tad-danni fil-vettura giet b'konsegwenza frustrata;

"II. Isegwi minn dan illi jekk il-kjamat in kawza ippartecipa fil-kreazzjoni ta' din il-falsita` ghandux jitqies komplici mal-konvenut u b'hekk ko-responsabbli mieghu ghad-danni versu l-attur;

"III. Kienx hemm, imbaghad, il-konkors kolpuz ta' l-attur danneggjat fil-produzzjoni tad-danni meta affida c-cwievet lill-kjamat in kawza u tah l-istruzzjonijiet, kif dikjarat mill-imsejjah fil-kawza;

"Jibda biex jigi osservat, preordinatament ghall-ezami ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, illi min, bhal konvenut, ikun jinstab li bl-agir tieghu jkun tellef id-dritt ta' l-attur biex dan jagixxi b'success kontra l-awtur tad-dannu dan jigi fi htija jekk b'hekk iffacilita u ghen biex l-azzjoni tigi frustrata. Bhal fil-kaz ta' kull persuna ohra l-ligi timponi fuq il-konvenut li ma jaghmel xejn biex bl-agir tieghu jarreka dannu lil haddiehor. Dan hu sew inferit mid-dispost ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili. Jekk allura xjentement il-konvenut f'dan il-kaz ikun iddikjara li kien hu li saq il-vettura fil-mument tas-sinistru u tali dikjarazzjoni tirrizulta aktar tard li kienet inveritjera u falza, dan l-agir kriminuz tieghu jghabbih bil-konsegwenzi kollha civili li jsehhu b'rizultat dirett ta' tali agir. Jista' jinghad allura illi tkun fic-cirkostanzi rizultanti din l-illegalita` l-kagun tad-dannu. B'danakollu, kif fuq gja ritenut din il-posizzjoni tibqa' hekk, jekk, u una volta, jinstab li l-preskrizzjoni eccepita tistronka l-azzjoni ta' l-attur di fronte ghall-

imsejjah fil-kawza *qua* awtur materjali tal-hsarat kagjonati fil-vettura;

"Bhala fatt, kif emers anke mill-korp tac-citazzjoni, l-incident sehh fit-28 ta' Jannar 1995. Invece l-kjamat in kawza ddahhal fil-proceduri wara l-verbal tal-11 ta' Dicembru 1998 (fol. 47) li fih intalbet, u giet akkolta, is-sejha tieghu. Li jfisser allura, *rebus sic stantibus*, 'il fuq minn sentejn mid-data ta' l-incident;

"Issa hu veru li skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata u dan minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. L-attur fil-fatt agixxa tempestivament kontra l-konvenut bl-azzjoni minnu ntrodotta fis-16 ta' Ottubru 1995 ghaliex ghalih kien dan li pprezenta ruhu ma' l-awtorita` tal-Pulizija bhala l-awtur tad-dannu. Effettivament ma jidherx fil-fehma tal-Qorti li gie pprovat minghajr ombra ta' dubbju illi l-attur kien konxjament jaf minn qabel il-proponiment ta' l-azzjoni illi s-sewwieq ma kienx il-konvenut izda neputih. Tqum hawn id-domanda illi jekk l-attur ma kienx jaf min kien il-veru awtur u kien fl-impossibilita` li jkun jaf qabel id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-ezitu tal-proceduri kriminali konkjuzi fil-15 ta' Mejju 1998 (ara verbal a fol. 48), jistax jinghad li dan gie li tilef id-dritt ta' azzjoni kontra l-kjamat in kawza? Hu naturali illi l-qaghda hekk raggunta tidderiva minn kawza estrinseka li l-attur ma setax jirrimuovi qabel ma giet determinata, bi proceduri idonei, il-falsita`. Fil-fehma tal-Qorti meta kienet tikkonkorri din is-sitwazzjoni, l-ostakolu kellu jitqies li jaghti lok ghas-sospensjoni;

"Dippju, il-Qorti taghmel ukoll din l-osservazzjoni agguntiva. Jekk, kif jidher li hu hekk il-kaz, il-kjamat in kawza kien jaf li l-konvenut zijuh ipprezenta ruhu bhala li kien hu li saq u habat bil-karozza, jistax imbaghad japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni razenti d-dolozita` biex igib fix-xejn id-dritt ta' l-attur bl-eccepita preskrizzjoni. Ma jidherx li gie qatt konsentit illi tali difiza giet ezawdita. Dan anke ghaliex, kif saput, hadd ma hu tollerat li mit-

turpitudini tieghu stess jaghmel il-bazi gudizzjarja, kemm jekk ta’ pretiza jew ta’ difiza;

“Din il-Qorti tinnota wkoll, imbaghad, mill-kontenut tat-tielet eccezzjoni, ix-xhieda ta’ Pauline Galea (seduta 24 ta’ Ottubru 2003) u l-istess deposizzjoni ta’ l-imsejjah fil-kawza, illi dan irrikonoxxa li kien debitur (intiza din il-kelma fis-sens ampju taghha) ta’ l-attur tant li kien offra li jikkompensah. Il-fatt li l-partijiet ma waslux fuq il-quantum ma jfissirx li ma kienx hemm rikonjizzjoni tad-dejn. Kif pacifikament akkolt tali rikonoxximent hu meqjus bhala kawza interruttiva tal-preskrizzjoni. Jinghad a propozitu illi “jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista’ jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista’ wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu.” (**Kollez. Vol. XLIII P II p 744)**

“Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ma ssibx li l-preskrizzjoni eccepita jisthoqqilha tircievi favur u ghalhekk qed tigi respinta. Raggunta din il-konkluzzjoni, gialadarba jinsab mistqarr mill-imsejjah fil-kawza illi kien hu li bis-sewqan imprudenti tieghu ta lok ghall-incident huwa jigi li ghandu jbati l-konsegwenzi tal-kondotta tieghu;

“Issa l-kjamat in kawza ma jiddefendix ruhu biss bil-preskrizzjoni, huwa jqajjem il-punt illi l-attur ghandu hu wkoll jitqies responsabbli minhabba li ppermetta li l-karozza tigi misjuqa minn min ma kellux licenzja u kien ghadu taht l-eta`;

“Meta tinsorgi eccezzjoni ta’ din in-natura jiggrava fuq minn jissollevaha li jgib il-prova tal-konkors kolpuz ta’ l-attur danneggjat;

“Mill-fatti fuq elenkati jinsab stabbilit illi l-attur ikkonsenja c-cwievet tal-karozza tieghu lill-imsejjah fil-kawza. Skond il-verzjoni tieghu dan fdahomlu semplicement biex joqghod fiha flimkien mat-tfajla tieghu. Il-kjamat in kawza, sostenut mill-konvenut, jikkonferma l-fatt li gie moghti c-

cwievet, izda jzid jaggungi wkoll illi l-attur kien tah istruzzjonijiet biex jipparkeggalu l-karozza fuq is-Saqqajja. Din il-Qorti ttendi biex fuq dan il-punt taghti fidi lill-verzjoni tal-kjamat fil-kawza ghax difficilment jista' jigi accettat illi l-attur ghaddielu c-cavetta biex joqghod fiha filwaqt li hu jallonta ruhu mir-Rabat u jmur Paceville ma' siehbu. Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kellha din il-Qorti temmen lill-attur fl-ispjegazzjoni bazika tieghu, ma jistax ma jsegwix ukoll illi l-attur kien traskurat ghall-ahhar meta fada c-cwievet ma' persuna li kien jaf li kien minorenni u mhix munita b'licenzja;

"F'dawn ic-cirkostanzi l-attur ma jistax jipprendi li jkun ezonerat minn kull responsabbilita` ghal dak li ssuccieda. Id-diligenza vjolata minn naha tieghu iggib certament b'konsegwenza d-diminuzzjoni tar-rizarciment konsiderat taht l-aspett tal-gravita` tal-kolpa u ta' l-entita` tal-konsegwenzi derivati. Kif taraha din il-Qorti fl-ambitu u l-kumpless tal-provi u tal-principju appena affermat l-attur ghandu jkun ritenut responsabbli ta' konkors kolpuz fl-istess proporzjon ugwali ghal dik ta' l-imsejjah fil-kawza;

"Jirrizulta mis-survey report (fol. 7) illi l-*pre-accident value* tal-vettura kien erbat elef u hames mitt lira (LM4,500). L-attur isemmi cifra ta' erbat elef u disa' mitt mira (LM4,900). Din il-Qorti ghandha d-dubju kemm din l-ahhar cifra hi korretta anke ghaliex ghalkemm tiffigura fid-dokument a fol. 6 l-allegat ftehim li jinghad li sar mal-Mosta Auto Dealers Co. Ltd, fi zmien anterjuri ghall-incident, ma gie sorrett minn imkien mill-provi in atti.

"Issa l-attur jghid li hu rceva bhala *wreck value* is-somma ta' seba' mitt lira (LM700) minghand il-panel beater li lilu biegh l-istess wreck. Dan ifisser illi t-telf nett subit jammonta ghal tliet elef u tmien mitt lira (LM3,800). Billi kif inghad l-attur ghandu jbati nofs din is-somma gjaladarba bl-imprudenza tieghu kkontribwixxa gravement fil-produzzjoni tad-danni, in-nofs l-iehor ghandu jbatih il-kjamat in kawza, *qua* awtur materjali tad-danni."

**L-appell ta' Godwin Attard**

Il-kjamat in kawza Godwin Attard hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fl-14 ta' Gunju, 2004 interpona appell minn fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja l-imsemmija sentenza billi tikkonfermaha in kwantu din cahdet l-ewwel eccezzjoni tieghu u sabet lill-attur u l-istess kjamat in kawza ugwalment responsabbli ghall-incident u ordnat lill-kjamat in kawza ihallas lill-attur nofs id-danni sofferti, u tvarjaha billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu u tichad it-tielet talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jigu apporzjonati minn din il-Qorti kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

L-attur ipprezenta risposta ghall-appell tal-kjamat in kawza fejn issottometta li:

1) is-sentenza appellata hi xierqa u jisthoqqilha "twettieqa" *in toto*.
2) l-esponent jaghmel tieghu r-ragunamenti ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk ma jtennix bla htiega.
3) Apparti li *fraus omnia corrumpit,* l-esponent, fic-cirkostanzi ried ikun cert, b'mod definittiv, dwar min attwalment kien habat bil-car tieghu.

Ghalhekk l-attur talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' l-appell kontra l-appellant.

**L-aggravju ta' l-appellant.**

Dwar is-sentenza appellata l-appellant ressaq aggravju wiehed biss u cioe` dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ghazlet li tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li s-sottomissjoni principali ta' l-appellant hija fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti rizultanti billi, skond l-appellant, mill-provi processwali dik il-Qorti kellha tasal ghal konkluzzjoni li l-attur minn dejjem kien jaf li ma kienx il-konvenut li kien qed isuq il-vettura tieghu izda li din kienet qed tinsaq mill-kjamat in kawza Godwin Attard.

Jigi osservat fir-rigward li meta jsehh incident awtomobilistiku l-pulizija jirredigu dik li tissejjah “okkorrenza” li mhux biss tiddeskrivi fil-qosor il-fatti li taw lok ghall-akkadut izda li fiha jigu indikati l-persuni li kienu fil-kontroll tal-vettura jew vetturi involuti fl-incident. Din l-informazzjoni tigi redatta wara li l-ufficjal inkarigat ikun tkellem mal-persuni li jirrizultawlu li kienu responsabbli ghall-incident u fuq dikjarazzjonijiet taghhom.

Dan id-dokument, salv prova kontrarja konkluzziva, huwa normalment prova ta’ dak li hemm dikjarat fih u persuna generalment m’ghandhiex tassumi l-kuntrarju. Kien ghalhekk relevanti li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut ghal dikjarazzjoni falza li saret lill-pulizija u kien biss wara li dawn il-proceduri gew mitmuha b’ezitu sfavorevoli ghall-istess konvenut li l-attur kien intitolat jitlob il-kjamata in kawza ta’ Godwin Attard.

Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-istess kjamat in kawza billi, gja la darba dan kien ikkonfoffa fil-qerq ma ghandux jibbenefika a skapitu tad-danneggat.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ dan l-appell a karigu tal-kjamat fil-kawza appellanti. U peress ukoll li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------